MALTA

# TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR

**GUDIKATUR DR.**
**PETER BORG COSTANZI**

Seduta tat-30 ta' Jannar, 2007

Talba Numru. 465/2006

**Talba Nru: 465/06PBC**

**Michael Attard Holdings Limited gia Michael Attard Limited (C-6093)**

**Vs**

**Kenneth Cole (ID 647660M) u Verica Cole (ID 26873A)**

**It-Tribunal**

Ra l-Avviz tat-talba li bih is-socjeta` attrici talbet li l-konvenuti jigu kkundannati jhallsu s-somma ta` disa` mija u sebgha u hamsin lira Maltin u sebghin centezmu (Lm957.70c) rapprezentanti import ta` ghaxar kambjalijiet skaduti, accettati u ffirmati mill-konvenuti.

Ra r-Risposta tal-konvenuti li biha wiegbu illi t-talbiet attrici qed jigu kkontestati u dan billi t-talbiet attrici huma

ntempestivi stante illi ghalkemm is-socjeta` attrici giet mitluba tikkonsenja l-kambjali li taghhom sar il-hlas u tindika konsegwentement liema huma l-kambjali li taghhom qed titlob il-hlas, hija baqghet inadempjenti. Illi fi kwalunkwe kaz u minghajr pregudizzju ghall-premess, is-socjeta` attrici ghandha tesebixxi l-kambjali originali. Illi fi kwalunkwe kaz u minghajr pregudizzju ghas-suespost l-ammont mitlub mhux dovut stante li huwa mhallas. Illi fi kwalunkwe kaz u minghajr pregudizzju ghas-suespost l-ammont mitlub m'huwiex reali. Illi fi kwalunkwe kaz u minghajr pregudizzju ghas-suespost l-ammont mitlub huwa esagerat. Salvi eccezzjonijiet ulterjuri.

Sema` x-xhieda ta` Stefan Sacco u ta` Kenneth Cole.

Ra d-dokumenti kollha esebiti.

Sema` t-trattazzjoni ta` Dr Reuben Farrugia ghas-socjeta` attrici u ta` Dr Joseph Zammit ghall-konvenuti.

**Ikkunsidra**

Illi mill-provi prodotti jirrizulta illi hemm ghaxar kambjalijiet originali li kienu fil-pussess tas-socjeta` attrici li gew esebiti u jinsabu a fol 23 tal-process, kambjalijiet 33 sa 42 li skadew bejn is-27 ta` Gunju, 2005 sas-27 ta` Marzu, 2006 u ghalhekk sal-mument li giet ipprezentata l-kawza dawn il-kambjalijiet gew dovuti u stante illi kienu fil-pussess tas-socjeta` attrici, dawn huma prezunti li mhux imhallsin u ghalhekk huma dovuti.

Illi l-vertenza bejn il-partijiet tirrizali ghall-fatt illi l-konvenut ghamel numru ta` pagamenti izda l-kambjalijiet originali precedenti ghal dawk mertu tal-kawza odjerna ma nghatawx lilu. Effettivament fil-mori tal-kawza kambjali 1 sa 31 gew ikkonsenjati lill-konvenuti. Dwar kambjala numru 32 ma ssemma` xejn u l-kawza tirrigwarda kambjalijiet 33 sa 42.

Il-partijiet ipproducew provi dwar il-pagamenti kollha li saru fuq il-kont relattiv ghal dawn il-kambjalijiet u in vista ta` dan it-Tribunal hejja prospett dettaljat li jinsab anness

ma` din is-sentenza u li jifforma parti ntegrali minnha li minnu jirrizulta illi sas-27 ta` Marzu, 2006 kien hemm dovut l-ammont kapitali ta` tmien mija u disgha u sebghin lira Maltin u disgha u tletin centezmu (Lm879.39c) li fuqhom sa dakinhar kien iddekorra imghax ta` tmintax-il lira Maltin u disgha u sebghin centezmu (Lm18.79c). Sad-data ta` din is-sentenza l-imghax tela` ghal tmenin lira Maltin u hamsa u tmenin centezmu (Lm80.85c) li b'kollox jigi total ta` disa` mija u sittin lira Maltin u erbgha u ghoxrin centezmu (Lm960.24c) li huwa ammont vicin hafna ta` l-ammont mitlub.

Illi ghalhekk it-talba attrici kif dedotta tisthoqq li tigi milqugha b'dan illi ghal kull fini u effett tal-ligi l-kambjala 32, ghalkemm strettament mhux mertu tal-kawza ghandha titqies bhala mhallsa. Inoltre, fuq dan l-ammont ghandu jiddekorri imghax mid-data ta` din is-sentenza 'l quddiem.

Ghal dawn il-motivi t-Tribunal jaqta` u jiddeciedi billi jikkundanna lill-konvenuti sabiex ihallsu lis-socjeta` attrici s-somma ta` disa` mija u sebgha u hamsin lira Maltin u sebghin centezmu (Lm957.70c) bl-interessi mid-data ta` din is-sentenza u bl-ispejjez kollha tal-kawza.

| **Date** | **B.o.E/Leg Exp** | **Payment** | **interests** | **balance capital** | **balance interests** |
|---|---|---|---|---|---|
| | | | | | |
| 27/11/2002 | 95.76 | | 0.00 | 95.76 | 0.00 |
| 27/12/2002 | 95.76 | | 0.63 | 191.52 | 0.63 |
| 27/01/2003 | 95.76 | | 1.30 | 287.28 | 1.93 |
| 27/02/2003 | 95.76 | | 1.95 | 383.04 | 3.88 |
| 27/03/2003 | 95.76 | | 2.35 | 478.80 | 6.23 |
| 27/04/2003 | 95.76 | | 3.25 | 574.56 | 9.49 |
| 27/05/2003 | 95.76 | | 3.78 | 670.32 | 13.26 |

| | | | | | |
|---|---|---|---|---|---|
| 27/06/2003 | 95.76 | | 4.55 | 766.08 | 17.82 |
| 23/07/2003 | | 600 | 4.37 | 183.90 | 0 |
| 27/07/2003 | 95.76 | | 0.16 | 279.66 | 0.16 |
| 27/08/2003 | 95.76 | | 1.90 | 375.42 | 2.06 |
| 27/09/2003 | 95.76 | | 2.55 | 471.18 | 4.61 |
| 27/10/2003 | 95.76 | | 3.10 | 566.94 | 7.71 |
| 27/12/2003 | 95.76 | | 7.58 | 662.70 | 15.29 |
| 27/01/2004 | 95.76 | | 4.50 | 758.46 | 19.79 |
| 27/02/2004 | 95.76 | | 5.15 | 854.22 | 24.95 |
| 27/03/2004 | 95.76 | | 5.43 | 949.98 | 30.38 |
| 27/04/2004 | 95.76 | | 6.45 | 1045.74 | 36.83 |
| 05/05/2004 | 66.25 | | 1.83 | 1111.99 | 38.66 |
| 21/05/2004 | | 66.25 | 3.90 | 1084.40 | 0.00 |
| 21/05/2004 | | 931.24 | 0.00 | 153.16 | 0.00 |
| 27/05/2004 | 95.76 | | 0.20 | 248.92 | 0.20 |
| 03/06/2004 | 51 | | 0.38 | 299.92 | 0.58 |
| 27/06/2004 | 95.76 | | 1.58 | 395.68 | 2.16 |
| 27/07/2004 | 95.76 | | 2.60 | 491.44 | 4.76 |
| 27/08/2004 | 95.76 | | 3.34 | 587.20 | 8.10 |
| 27/09/2004 | 95.76 | | 3.99 | 682.96 | 12.09 |
| 27/10/2 | 95.76 | | 4.49 | 778.72 | 16.58 |

| | | | | | |
|---|---|---|---|---|---|
| 004 | | | | | |
| 27/11/2004 | 95.76 | | 5.29 | 874.48 | 21.87 |
| 27/12/2004 | 95.76 | | 5.75 | 970.24 | 27.62 |
| 27/01/2005 | 95.76 | | 6.59 | 1066.00 | 34.22 |
| 27/02/2005 | 95.76 | | 7.24 | 1161.76 | 41.46 |
| 28/02/2005 | | 657.72 | 0.25 | 545.50 | 0.00 |
| 27/03/2005 | 95.76 | | 3.23 | 641.26 | 3.23 |
| 27/04/2005 | 95.76 | | 4.36 | 737.02 | 7.59 |
| 27/05/2005 | 95.76 | | 4.85 | 832.78 | 12.43 |
| 27/06/2005 | 95.76 | | 5.66 | 928.54 | 18.09 |
| 27/07/2005 | 95.76 | | 6.11 | 1024.30 | 24.20 |
| 27/08/2005 | 95.76 | | 6.96 | 1120.06 | 31.15 |
| 27/09/2005 | 95.76 | | 7.61 | 1215.82 | 38.77 |
| 27/10/2005 | 95.76 | | 7.99 | 1311.58 | 46.76 |
| 04/11/2005 | | 957.75 | 2.30 | 400.59 | 0.00 |
| 27/11/2005 | 95.76 | | 2.02 | 496.35 | 2.02 |
| 27/12/2005 | 95.76 | | 3.26 | 592.11 | 5.28 |
| 27/01/2006 | 95.76 | | 4.02 | 687.87 | 9.31 |
| 27/02/2006 | 95.76 | | 4.67 | 783.63 | 13.98 |
| 27/03/2006 | 95.76 | | 4.81 | 879.39 | 18.79 |
| 12/02/2007 | | | | | 80.85 |

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------